BANK ĊENTRALI TA' MALTA
EUROSISTEMA
CENTRAL BANK OF MALTA

STATISTIKA MONETARJA TA' KULL XAHAR

**Ħarġa Nru. 03/2011**

**Marzu 2011**

**Il-kontribuzzjoni ta' Malta għall-aggregati monetarji u l-kontropartijiet taż-żona tal-euro**

Il-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) residenti f'Malta għall-aggregat monetarju sħiħ (M3) taż-żona tal-euro kiber b'EUR176.0 miljun, jew 1.9%, f'Marzu, għal EUR9.3 biljuni (ara Tabella 1). Ir-rata annwali tat-tkabbir telgħet minn 3.0% għal 4.8% f'Marzu.

Il-komponent monetarju ristrett (M1) kiber b'EUR191.9 miljun f'Marzu, wara żieda ta' EUR195.9 miljun fid-depożiti *overnight.* Fuq bażi annwali, ir-rata ta' tkabbir tal-M1 aċċelerat għal 17.0% f'Marzu minn 12.9% xahar qabel.

Il-komponent monetarju intermedju (M2) tela' b'EUR177.1 miljun jew 2.0%. Dan irrifletta ż-żieda fl-M1 li ittaffiet minn tnaqqis ta' EUR20.7 miljun fid-depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas. Ir-rata annwali tat-tkabbir fl-M2 kibret għal 4.7% f'Marzu minn 2.8% fi Frar.

Rigward il-kontropartijiet tal-M3, is-self kiber bi EUR33.5 miljun, jew 0.2% matul ix-xahar kopert. Dan kien ġej kollu kemm hu minn żieda fis-self lill-gvern ġenerali, li għelbet tnaqqis fis-self lil residenti oħra. Fuq bażi annwali, it-tkabbir fis-self kompla jbatti għal 5.6% minn 7.4% fi Frar.

Il-kontroparti esterna tal-M3, li tirrifletti transazzjonijiet bejn l-IFM residenti f'Malta u dawk residenti f'pajjiżi barra ż-żona tal-euro, naqset b'EUR282.4 miljun, jew 3.7% f'Marzu. Dan kien dovut għal tnaqqis fl-obbligazzjonijiet ta' residenti barra ż-żona tal-euro u, b'mod partikolari, minn tnaqqis fl-ammonti miżmuma ta' titoli maħruġa minn gvernijiet barra ż-żona tal-euro u minn tnaqqis fid-depożiti miżmuma ma' IFM barranin. Dan għeleb tnaqqis li kien hemm fl-obligazzjonijiet lejn residenti barra ż-żona tal-euro, li kien dovut għal tnaqqis fid-depożiti fissi miżmuma ma' IFM residenti.

Il-kontropartijiet l-oħra tal-M3 naqsu b'EUR424.9 miljun, jew 3.3% f'Marzu. Dan seħħ l-aktar minħabba tnaqqis fl-obbligazzjonijiet oħra (netti), li rriflettew transazzjonjiet bejn il-banek fiż-żona tal-euro. Barra minn hekk, kien hemm ukoll tnaqqis fid-depożiti b'aċċess immedjat tal-gvern ċentrali.

**Depożiti miżmuma minn u self mogħti lil residenti Maltin**

Id-depożiti totali miżmuma minn residenti ta' Malta ma' IFM Maltin għolew b'EUR187.5 miljun, jew 2.3%, matul Marzu biex b'hekk treġġa' lura t-tnaqqis li kien hemm fix-xahrejn preċedenti. Żieda fid-depożiti *overnight* għelbet tnaqqis fid-depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas. Ir-rata annwali tat-tkabbir għoliet għal 4.4% minn 2.5% xahar qabel.

Matul Marzu żieda ta' EUR194.3 miljun jew 4.6% fid-depożiti *overnight* seħħet minħabba żieda fil-bilanċi akbar miżmuma minn kumpaniji privati mhux finanzjarji u minn individwi. Kuntrarju għal dan, id-depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas naqsu bi EUR12.7 miljun, jew 0.3%, l-aktar minħabba tnaqqis fil-bilanċi miżmuma minn intermedjarji finanzjarji li mhumiex banek.

Sadanittant, is-self lir-residenti ta' Malta (inkluż il-gvern) minn IFM residenti kiber b'EUR20.5 miljun, jew 0.2%. Dan ġara prinċipalment minħabba tkabbir fis-self lil residenti apparti l-gvern ġenerali filwaqt li kkontribwiet ukoll żieda fis-self lill-gvern ġenerali. Fuq bażi annwali r-rata tat-tkabbir fis-self kompliet tbatti għal 4.3% minn 5.1% fi Frar.

Is-self lill-gvern ġenerali Malti żdied b'EUR2.8 miljuni, jew 0.1%, f'Marzu. Dan kien dovut għal żieda fis-self dirett lill-gvern ġenerali filwaqt li tibdil fl-ammonti ta' *bills* tat-Teżor u ta' bonds tal-Gvern miżmuma mill-IFM pattew għal xulxin. Ir-rata annwali tat-tkabbir aċċelerat għal 6.3% minn 5.8% fi Frar.

Is-self lil residenti apparti l-gvern ġenerali kiber bi EUR17.7 miljun, jew 0.2% matul ix-xahar kopert hekk kif żieda fis-self lill-individwi u kumpaniji privati mhux finanzjarji kienet akbar mit-tnaqqis reġistrat fis-self lil korporazzjonijiet pubbliċi. Filwaqt li ż-żieda fis-self lill-individwi kienet tirrappreżenta żieda fis-self għax-xiri tad-djar dik favur il-kumpaniji privati mhux finanzjarji kienet dovuta għaż-żieda fis-self lis-settur tal-bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut. Ir-rata annwali tat-tkabbir tas-self lil residenti oħra ċkienet għal 3.8% minn 5.0% fi Frar.

**Assi barranin netti tal-IFM Maltin**

F'Marzu l-assi barranin netti miżmuma minn IFM Maltin kibru b'EUR185.0 miljun, jew 1.7% (ara Tabella 2).[1] Dan irrifletta tnaqqis fl-obbligazzjonijiet barranin tal-banek li għeleb tnaqqis fl-assi barranin tagħhom. Fuq bażi annwali l-assi barranin netti kibru bi 12.4% matul ix-xahar kopert.

**Rati ta' imgħax bankarji fuq self u depożiti**

Ir-rata medja ppeżata tal-imgħax imħallsa fuq depożiti inklużi fl-M3 naqset għal 1.12% minn 1.14% fi Frar, filwaqt li r-rata mitluba fuq is-self telgħet għal 4.79% minn 4.73%. Mqabbla ma' sena qabel, ir-rata tal-imgħax imħallsa fuq depożiti inklużi fl-M3 naqset b'14-il punt bażi, filwaqt li r-rata mitluba fuq is-self għoliet bi 32 punti bażi.

***Aktar informazzjoni ekonomika u monetarja tista' tinkiseb mis-sit elettroniku tal-Bank Ċentrali ta' Malta www.centralbankmalta.org***

[1] L-assi netti barranin jikkonsistu f'obbligazzjonijiet netti ta' residenti fil-kumplament tad-dinja lejn IFM residenti f'Malta. Ir-residenti fil-kumplament tad-dinja jinkludu residenti barra ż-żona tal-euro u residenti ta' pajjiżi fiż-żona tal-euro barra Malta.

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## TABELLA 1: IL-KONTRIBUZZJONI TAL-IFMs RESIDENTI
## LILL-AGGREGATI MONETARJI TAŻ-ŻONA TAL-EURO U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAGĦHOM[(1)(2)]

*€ miljuni*

| | Mar-11 | Frar-11 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Mar-10 | Bidla Annwali | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **L-AGGREGATI MONETARJI[(3)]** | | | | | | | |
| **L-AGGREGAT RISTRETT (M1)** | **5,178.2** | **4,986.3** | **191.9** | **3.8** | **4,425.8** | **752.4** | **17.0** |
| Flus maħruġa[(4)] | 661.7 | 665.7 | -4.0 | -0.6 | 637.8 | 24.0 | 3.8 |
| Depożiti *overnight* [(5)] | 4,516.4 | 4,320.5 | 195.9 | 4.5 | 3,788.0 | 728.4 | 19.2 |
| **L-AGGREGAT INTERMEDJU (M2)** | **9,126.8** | **8,949.7** | **177.1** | **2.0** | **8,720.7** | **406.0** | **4.7** |
| L-aggregat ristrett (M1) | 5,178.2 | 4,986.3 | 191.9 | 3.8 | 4,425.8 | 752.4 | 17.0 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas[(5)] | 132.0 | 126.2 | 5.8 | 4.6 | 110.4 | 21.7 | 19.6 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas[(5)] | 3,816.6 | 3,837.2 | -20.7 | -0.5 | 4,184.6 | -368.0 | -8.8 |
| **L-AGGREGAT SĦIĦ (M3)** | **9,340.1** | **9,164.1** | **176.0** | **1.9** | **8,911.1** | **429.0** | **4.8** |
| L-aggregat intermedju (M2) | 9,126.8 | 8,949.7 | 177.1 | 2.0 | 8,720.7 | 406.0 | 4.7 |
| Self kontra titoli | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 |
| Titoli ta' self li nħarġu għal sentejn jew anqas[(6)] | 213.3 | 214.4 | -1.1 | -0.5 | 190.3 | 23.0 | 12.1 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAL-M3** | | | | | | | |
| **IL-KONTROPARTI TAS-SELF** | **14,619.3** | **14,585.8** | **33.5** | **0.2** | **13,840.9** | **778.4** | **5.6** |
| Self lill-gvern ġenerali | 4,090.8 | 4,052.0 | 38.8 | 1.0 | 3,405.7 | 685.0 | 20.1 |
| Self lil setturi oħra | 10,528.6 | 10,533.8 | -5.2 | 0.0 | 10,435.2 | 93.4 | 0.9 |
| **IL-KONTROPARTI ESTERNA** | **7,299.9** | **7,582.3** | **-282.4** | **-3.7** | **9,056.4** | **-1,756.6** | **-19.4** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barra ż-żona tal-euro | 27,791.3 | 28,668.0 | -876.7 | -3.1 | 30,175.4 | -2,384.1 | -7.9 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barra ż-żona tal-euro (-) | 20,491.4 | 21,085.7 | -594.3 | -2.8 | 21,119.0 | -627.6 | -3.0 |
| **IL-KONTROPARTIJIET L-OĦRA** | **12,579.1** | **13,004.0** | **-424.9** | **-3.3** | **13,986.3** | **-1,407.2** | **-10.1** |
| Obbligazzjonijiet lill-gvern ċentrali | 684.0 | 787.2 | -103.2 | -13.1 | 526.0 | 157.9 | 30.0 |
| Obligazzjonijiet finanzjarji fuq żmien itwal | 11,413.9 | 11,417.4 | -3.5 | 0.0 | 10,207.4 | 1,206.6 | 11.8 |
| Obbligazzjonijiet oħra (netti) | 481.2 | 799.4 | -318.2 | -39.8 | 3,252.9 | -2,771.7 | -85.2 |

(1) It-totali jistgħu ma jaqblux mas-somma tal-komponenti minħabba rrawndjar.

(2) Il-figuri juru l-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) Maltin għat-totali taż-żona tal-euro.

(3) Data dwar l-aggregati monetarji jinkludu obbligazzjonijiet fuq depożiti kemm lil residenti ta' Malta kif ukoll lil residenti oħra fiż-żona tal-euro.

(4) Dan ma jirrappreżentax kejl tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni f'Malta. Dan jinkludi s-sehem tal-Bank Ċentrali ta' Malta mill-karti tal-flus tal-euro maħruġa mill-Eurosistema, skont l-*allocation key* tal-karti tal-flus (li tirrifletti s-sehem tal-Bank Ċentrali ta' Malta fil-kapital imħallas tal-BĊE), kif ukoll muniti maħruġa mill-Bank f'isem it-Teżor wara li jiġi mnaqqas il-valur ta' karti tal-flus u muniti tal-euro miżmuma mis-settur tal-IFM. Għall-2008, ġew inklużi l-karti tal-flus u l-muniti tal-lira Maltija li għadhom ma ssarrfux. Dan għalhekk jirrappreżenta l-ammont li jifdal ta' flus li nħarġu wara li jitnaqqsu l-karti tal-flus u l-muniti tal-euro (u temporanjament il-flus tal-lira Maltija) miżmuma minn IFM f'Malta.

(5) Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.

(6) Titoli ta' self li nħarġu għal sentejn jew anqas minn IFM f'Malta wara li jitnaqqsu titoli bħal dawn miżmuma minn IFM f'Malta u maħruġa minn IFM fi kwalunkwe post fiż-żona tal-euro. Din il-filliera turi l-ammonti netti (ħruġ ta' titoli bl-ammont miżmum minn IFM f'Malta mnaqqas) u jistgħu jkunu negattivi. Il-figuri jinkludu wkoll ishma/unitajiet ta' fondi li jinvestu fi swieq tal-flus (MMF).

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## TABELLA 2: ŻVILUPPI FID-DEPOŻITI U FIS-SELF TA' RESIDENTI TA' MALTA U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI[1]

*€ miljuni*

| | Mar-11 | Frar-11 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Mar-10 | Bidla Annwali | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **DEPOŻITI** | | | | | | | |
| **DEPOŻITI TOTALI TA' RESIDENTI** | **8,227.4** | **8,040.0** | **187.5** | **2.3** | **7,879.9** | **347.5** | **4.4** |
| Depożiti *overnight* | 4,377.1 | 4,182.8 | 194.3 | 4.6 | 3,688.4 | 688.7 | 18.7 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas[2] | 131.3 | 125.5 | 5.8 | 4.6 | 110.3 | 21.0 | 19.1 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas[2] | 3,719.0 | 3,731.7 | -12.7 | -0.3 | 4,081.2 | -362.2 | -8.9 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI** | | | | | | | |
| **SELF TOTALI LIL RESIDENTI** | **10,357.9** | **10,337.4** | **20.5** | **0.2** | **9,931.0** | **426.9** | **4.3** |
| Self lill-gvern ġenerali | 2,149.3 | 2,146.6 | 2.8 | 0.1 | 2,021.7 | 127.7 | 6.3 |
| Self lil setturi oħra | 8,208.6 | 8,190.9 | 17.7 | 0.2 | 7,909.4 | 299.2 | 3.8 |
| **ASSI NETTI BARRANIN** | **11,057.4** | **10,872.4** | **185.0** | **1.7** | **9,841.3** | **1,216.2** | **12.4** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barranin | 38,985.7 | 39,931.0 | -945.3 | -2.4 | 39,783.7 | -798.0 | -2.0 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barranin (-) | 27,928.2 | 29,058.6 | -1,130.3 | -3.9 | 29,942.4 | -2,014.1 | -6.7 |

(1) It-totali jistgħu ma jaqblux mas-somma tal-komponenti minħabba rrawndjar.
(2) Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.